VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,516, 24 ta' Diċembru, 2015
Taqsima B

A.L. 434 of 2015

ATT DWAR IR-REGOLAMENT TAL-BINI
(KAP. 513)
Regolamenti tal-2015 dwar Ħtiġijiet Minimi għar-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini għall-Konservazzjoni ta' Karburanti, Enerġija u Riżorsi Naturali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6 u 11 tal-Att dwar ir-Regolament tal-Bini, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, bi qbil mal-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 dwar Ħtiġijiet Minimi għar-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini għall-Konservazzjoni ta' Karburanti, Enerġija u Riżorsi Naturali.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2016:

Iżda dawn ir-regolamenti għandhom biss japplikaw għal bini li l-applikazzjoni dwaru tkun ġiet sottomessa lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2016.

Ħtiġijiet minimi dwar ir-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini għall-konservazzjoni ta' karburanti, enerġija u riżorsi naturali.

2. Il-Ħtiġijiet Minimi dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini għall-Konservazzjoni ta' Karburanti, Enerġija u Riżorsi Naturali ppubblikati mill-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini f'Awwissu 2015, bħala Documenti F - Parti 1 - Rekwiżiti Minimi dwar ir-Rendiment tal-Enerġija għall-bini f'Malta u Parti 2 - Rekwiżiti Minimi dwar ir-Rendiment tal-Enerġija għas-Servizzi tal-Bini f'Malta*, għandhom għall-finijet u l-effetti kollha jitqiesu applikabbli għal binjiet ġodda u renovati, skont il-każ, mill-1 ta' Jannar, 2016.

---

* https://secure2.gov.mt/epc/legislation?l=1